**54. IL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI jipproponi:-**

Illi l-Kamra tad-Deputati,

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120B taħtar il-Kumitat Permamenti sabiex jikkonsidra abbozzi ta' liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem l-istess Kumitat jew lilu riferut mill-Kamra.

Skond l-istess Ordni Permanenti, l-Kamra tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu f'dan il-Kumitat Permanenti u li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skond l-għadd ta' membri tal-Gvern u ta' l-Oppożizzjoni jkun ta' 7, b'dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern inkluż il-President ta' l-istess Kumitat u 3 minnhom ikunu min-naħa ta' l-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina bħala President li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti, lill-Onorevoli Jason Azzopardi, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skond kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3).

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

17.06.03